MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Talba Numru. 29/2004

**Michael Ellul ghan-nom u in rapprezentanza ta' Code M Systems**

**Vs**

**Joseph Johan Manicaro**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' Lm299.00c (mitejn u disgha u disghin lira Maltin) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Anthony Galea li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm299.00c (mitejn u disgha u disghin lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------